# L-400 Sena tal-Kwadru Mirakuluż tal-Madonna Ta' Pinu u ħjiel il-kappella l-qadima li tagħha hu t-titular

## *tagħrif miġbur minn Toni Calleja*

Daħla

Minn kemm kwadri hawn fil-gżejjer tagħna, reliġjużi jew profani, it-titular insinji tal-Madonna Ta' Pinu huwa l-egħżeż wieħed għax b'konvinzjoni popolari huwa ingastat fil-kultura u l-qalb ta' Nazzjon. Meta wieħed josserva l-kwadru b'mod metikoluż mhux biss jaffaxxina ruħu bil-wiċċ rżin u ħlejju tal-Madonna, u l-ħarsa pjetuża tagħha li tippenetralek qalbek, iżda li minn xufftejha qrollin, tistħajlek qed tisma' dawk il-kelmiet ta' darba: "Ejja, Ejja".[1]

Din l-istedina prodiġjuża li timliek bil-kuraġġ hija milqugħa b'ferħ minn kulħadd. Saħansitra personalitajiet kbar bħalma kienu, fost l-oħrajn, il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fl-1 ta' Settembru 1990, waqt li kien fi triqtu lejn it-Tanżanija, bl-*Alitalia* – ajruplan tal-Linja tal-Bandiera tal-Istat Taljan, u qorob lejn Malta, żviluppa difett tekniku u kien fil-periklu li jiġġarraf. Fortunatament, jew aħjar mirakulużament, il-pilota rnexxielu jikkontrolla s-sitwazzjoni u llandja fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta qawwi u sħiħ. Mitlub jikkummenta dwar dan l-inċident, il-Papa, illum kanonizzat qaddis, esprima ruħu ċar u tond: ***"Il-Madonna Ta' Pinu ħelsitna"***.



Kemm għandu raġun Mons. Ġużeppi Farrugia (*tal-Vers*: 1852-1925), li f'*La Beata Vergine "Ta Pinu" in Gozo,* ippubblikat fl-1891, jgħid li l-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu huwa: *"il più bello e ricco tesoro del santuario e del Gozo"* (p. 31).

**Il-Kappella oriġinali**

Il-kappella ta' *Santa Marija ta' Nofs Awwissu*, fi żmien bikri magħrufa bħala *Ta' Ġentili*, tinsab fil-kuntrada tal-għolja Ta' Għammar. Fir-rapport tal-Viżta Pastorali ta' Mons. Pietru Dusina tal-1575, jingħad espressament: *"ta Gentile* fil-ħara *ta Hamar"*.[2] Il-kappella, waħda sempliċi, kienet mibnija fuq ħotba, bejn *Ta' Sdieri*, il-*Wied tal-Wieri*, u l-*Għolja Ta' Għammar*. Dun Alwiġ Vella (*ta' Savina*: 1859-1928), l-editur tal-uniku folju reliġjuż li allura kien joħroġ f'Għawdex, jgħidilna li: *"Il-knisja ċkejkna tinsab f'nofs għalqa fuq ħotba żgħira, xi mitt pass bogħod mill-passaġġ dejjaq u mħatteb li minn Triq l-Għarb jieħu għal Għammar"*.[3] Hu mifhum li l-kappella nbniet għall-ewwel darba fl-aħħar tal-Medjuevu, jiġifieri għall-ħabta tal-1400, fuq art ta' Gentile Calimera; għalhekk *Ta' Ġentili*.[4]


LA
BEATA VERGINE
"Ta Pinu"
IN GOZO
PEL
Can. Teol. Don Giuseppe Farrugia
MALTA

Biż-żmien, il-kappella oriġinali ġġarfet, biss reġgħet inbniet fl-1478, u jerġa' fl-1545 mill-familja tan-nobbli Ġakkinu Calimera, dixxendent ta' Gentile. Dan l-aħħar bini huwa kkonfermat fl-Atti tal-Viżta Pastorali mwettqa dik is-sena mill-Isqof Djoċesan, Mons. Domenico Cubelles.[5] Imma bilkemm laħqu għaddew 30 sena li l-knisja ta' *Santa Marija ta' Nofs Awwissu* ma reġgħetx ġiet f'qagħda li tbikkik. Fi Frar 1575, Mons. Dusina, il-Viżitatur Appostoliku, sabha għoddha mħarbta għal kollox u kien kostrett jipprofanaha skont il-forma tal-Konċilju ta' Trentu (1545-1563) li allura kien għadu frisk fil-memorja ta' ħafna. Għal din it-telqa, l-istoriċi dejjem itambru u jwaħħlu fl-assedji u l-ħbit tat-Torok. Biss mir-rapport ta' Dusina, dan l-istat ta' fatt ma joħroġx. Anzi, hu jattribwixxi din it-telqa għat-traskuraġni tal-prokuratur tagħha, Mattew de Emmanuele. Minkejja li kellu l-obbligu tal-manutenzjoni, u kien hemm ir-renti mħollija għal dan il-għan, għal xi raġuni jew oħra, xorta naqas milli jieħu azzjoni.

Mattew miet lejn tmiem l-1592. Biss, biex bħal fatta jserraħ il-kuxjenza, li bl-intenzjonijiet kollha tajba tiegħu, ma kien għamel xejn biex jerġa' jwaqqaf il-kappella, fit-testment ħalla erbat itmien raba' oħra bit-tama li dak li ma wettax hu jkun jista' jagħmlu ħaddieħor. Fl-1587, il-proprjetà li kellha l-knisja *ta' Ġentili* għaddiet mingħand Mattew de Emmanuele għal idejn Pinu Gauci, bniedem jagħmilha tajjeb li kien jippossiedi oqsma sħaħ ta' raba' fl-inħawi ta' Għammar, ta' Kanġla u Wied il-Mielaħ.



**Pinu Gauci: ħjiel dwar ħajtu u familtu**

Minn nota li hemm miktuba taħt nett, fir-rokna tal-lemin, tal-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu, nafu li Pinu Gauci,[6] kien bin Salvu. Ommu kienet Marija de Emmanuele li kellha jiġri fiha demm mill-magħrufa familja Għawdxija ta' Gentile.[7] Mons. Ġużeppi Farrugia, lil Pinu jsejjaħlu 'Għawdxi' (Ġ. Farrugia, *op. cit.* p. 6). Minnu nnifsu, il-kunjom Gauci, l-istess bħal Cauchi u Cachia huma kunjomijiet purament Għawdxin. Dawn it-tliet kunjomijiet huma l-invokazzjoni bid-djalett ta' kif il-Maltin jirriferu għal xi Għawdxi / ja li jkunu jgħammru fosthom, pereżempju *l-Gawċi* flok l-Għawdxi, jew *il-Gawċija* (Cachia) flok l-Għawdxija.[8]

Imma, il-probbabiltà hi, li f'xi żmien qabel l-Assedju ta' Għawdex tal-1551, il-familja Gauci, jista' jkun li minħabba l-biża' tat-Torok, minn hawn, ittrasferit ruħha Malta. Pinu Gauci u martu, Klara Bongibino, ma jidhirx li twieldu Għawdex, għax isimhom ma jinstabx fl-ewwel reġistru eżistenti tal-Magħmudijiet tal-Matriċi, li l-ewwel waħda rreġistrata fih iġġib id-data tas-27 ta' Settembru 1554.[9] L-ewwel ħsieb li jiġi f'moħħna hu li allura setgħu twieldu qabel l-1554! Fir-rigward ta' Pinu, dan jista' jkun, imma fir-rigward ta' martu żgur li le.[10] Hemm diċerija li l-familja li minnha kien ġej Pinu Gauci kienet imnissla minn Ħaż Żebbuġ, fejn fost l-oħrajn, kellha taħt il-kura tagħha l-Artal tal-Assunta mwaqqaf fil-Knisja Parrokkjali ta' San Filep.[11] Jekk nieħdu din l-asserzjoni bħala veritiera, jista' jiftiehem, li Mons. Farrugia, lil Pinu jikklassifikah bħala Għawdxi għas-sempliċi raġuni li dik il-ħabta, hu kien qed jgħix fostna u mhux għax kien Għawdxi *di nascita*!



Nhar it-8 ta' Ottubru 1611, Pinu Gauci ngħaqad fis-Sagrament taż-Żwieġ ma' Klara Bongibino, bint Ġakob u Marjetta,[12] probabbilment ta' demm Għawdxi hija wkoll! Ix-Xhieda kienu Dun Anġlu Modlun,[13] u Giuseppe Fiteni. Iż-żwieġ kien iċċelebrat fil-Matriċi tal-Assunta. Fir-reġistrazzjoni taż-żwieġ, il-Kappillan Dun Mattew Ciappara (1603- 1621) kiteb li Klara u Pinu kienu parroċċani tiegħu. Dik il-ħabta, billi barra r-Rabat kien għad m'hemm l-ebda parroċċa, il-kampanja Għawdxija: mid-Dwejra sa Ras il-Qala, u minn Wied il-Għasri sa Ta' Ċenċ, kienu kollha territorju tal-Matriċi. Għaldaqstant, il-miżżewġin Gauci, bid-dar, mhux bilfors kienu joqogħdu r-Rabat, iżda setgħu kienu jabitaw fl-irħajjel ta' Għammar fejn kellhom il-qofol tal-proprjetà tagħhom, jew l-aktar l-aktar fuq ir-riħ tal-Wied tal-Wieri; eżatt taħt it-Triq Ta' Pinu, fejn għad hemm diversi djar antiki. Dan minkejja li sal-15 ta' April 1637, f'Għawdex, kien għad hemm l-obbligu li bejn l-1 ta' Mejju u l-aħħar ta' Ottubru, għal matul il-lejl, kulħadd kien obbligat li jirtira 'l ġewwa mis-swar tal-Kastell taċ-Ċittadella.



Pinu u Klara Gauci kellhom erbat itfal: Katrina – tgħammdet il-Matriċi nhar l-1 ta' Mejju 1613; Marija – tgħammdet San Ġorġ nhar it-28 ta' Ottubru 1615; Salvu – tgħammed San Ġorġ nhar it-8 ta' Awwissu 1617; u Imperia – tgħammdet San Ġorġ hija wkoll nhar id-29 ta' Lulju 1620.[14] Pinu Gauci miet fis-17 ta' Novembru 1623,[15] waqt li martu Klara, fl-1624 reġgħet iżżewġet ma' Baskal Farrugia, axxendent tal-familja Gourgion.

Wara li miet missierha, u ommha reġgħet iżżewġet, Katrina Gauci, il-kbira, bint Pinu, minkejja l-età tenera tagħha, nhar it-8 ta' Awwissu 1626,[16] ingħaqdet fis-Sagrament taż-Żwieġ ma' Ġio Filippu Muscat bin Ġorġ, minn Ħal Lija, u nifhem li marret tgħammar miegħu Malta, għax minn hemm 'il quddiem intilfet kull traċċa tagħhom minn Għawdex. F'jum it-tieġ tagħha, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, tar-Rabat, Għawdex, Katrina kellha biss tlettax-il sena u tliet xhur. Jaħasra kien għadha tifla! Minkejja li kellha l-primoġenitura, u werrieta ta'

missierha, hi qatt ma daħlet fl-istorja tal-kappella Ta' Pinu; dan l-intrigu qisu ħallietu f'idejn ommha u Baskal Farrugia, it-tieni raġel tagħha. Fiż-żmien, Katarin romlot, u reġgħet iżżewġet lil Ġann Dumink Cassia.

**Pinu Gauci u l-kwadru titulari tal-Perugino**




Bħalma ġa aċċennajna aktar 'il fuq, fl-1587, Pinu Gauci sar proprjetarju tal-art li kellha l-knisja *ta' Ġentili* u għalhekk responsabbli għall-manteniment tal-kappella li xejn ma kienet f'qagħda sodisfaċenti. Gauci daħal għal dan l-impenn ġdid b'ħafna rieda tajba, iżda qajla setà jaħdem għax il-knisja kienet ipprofanata u mingħajr prokuratur. Fid-19 ta' Novembru 1615, il-kappella saritilha l-Viżta mill-Isqof Djoċesan Mons. Baldassare Cagliares.[17] Mir-rapport tagħha hu magħruf li l-bibien kienu bla serratura, ma kienx hemm gandlieri u lanqas kwadru u li l-knisja kienet teħtieġ tiswija babaw għaliex kienet ħadet żvolta lura. Għal dan il-għan, Pinu Gauci, offra minn jeddu li joħroġ għoxrin skut (€3.89).

Bil-mod il-mod wettaq dak kollu li kien meħtieġ: bidel il-ħitan li kien hemm mikula bil-melħ, bidel xi xorok li kien hemm maqsuma u ċ-ċangatura tal-art. Saħansitra bidel ir-riħ tal-bieb u ġabu jħares lejn Xlokk il-Lvant. Inbena artal usa minn ta' qabel, inxtraw xi utensili sagri u saħansitra kkummissjona kwadru titulari ġdid tal-Assunta lil Amadeo Perugino, artist mill-Belt Valletta, li tqiegħed f'postu appuntu fl-1619.[18]

Dwar it-teknika u l-kompożizzjoni tal-kwadru, Mons. Luigi Vella, jgħid: Il-pittura hija tal-istil tal-iskola peruġina antika, li għadha tfakkar it-teknika tal-biżantina. Għaldaqstant: simetrija studjata, figuri sottili, nuqqas ta' proporzjon u prospettiva. Hija però ta' kuluri sbieħ ħafna, li wara aktar minn żewġ sekli għadha fi stat mill-aħjar. Juri l-Assunzjoni tal-Verġni Mqaddsa, li bil-figura tagħha tokkupa l-isfond tal-kwadru, poġġuta fuq ġemgħa ta' sħab u miżmuma minn erba' anġli mlibbsin, tnejn minnhom qegħdin iqigħdulha b'id waħda kuruna fuq rasha. Taħt tidher biċċa mill-qabar miftuħ, imdawwar bl-Appostli nofs ġisem. Jingħad li hija kopja ta' xi xogħol tal-iskola msemmija, li saret wara l-ewwel restawrazzjoni. Dak li għandha nieqes fl-arti, tirbħu fl-idea reliġjuża,[19] ħaġa li spiss tiġri. Il-figura kollha tal-Verġni, u speċjalment il-wiċċ, jispira innoċenza, grazzja u devozzjoni.[20]

Mela Mons. Alwiġ Vella jgħid li wara aktar minn żewġ sekli, il-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu kien għad għandu kuluri sbieħ u fi stat mill-aħjar. Mons. Ġ. Farrugia jattribwixxi dan għall-fatt li l-post kien wieħed xott, l-istabbilità tal-arja, u n-nuqqas ta' dawl dirett fuqu. Madankollu, f'nota f'sieq il-paġna, ma jonqosx jgħidilna, li: "Però, xi darba, il-kwadru sata' forsi kien minsus (restawrat);[21] tal-istess fehma hu l-Profs. Dr Nikola Zammit [1815-1899], disinjatur Malti ta' valur kbira" (Ġ. Farrugia, *op. cit.* p. 33).

It-tagħrif li għandna dwar il-Perugino huwa skars ħafna għax mid-dehra ma kienx xi artist magħruf. Mons. Ġ. Farrugia jgħid li għalxejn fittex ismu fl-istorja artistika ta' Lanzi, u fin-*Notizie dei Professori di disegno* tal-Baldinucci, għax ma sabux. Hu jinterpreta dan il-fatt bħala li l-pittur ma kienx xi wieħed ta' stoffa (Ġ. Farrugia, *op. cit.*, pp. 31-32). Biż-żmien lil Amadeo nsibuh l-Italja, imnejn ġie lura Malta fl-1605 ma' Mons. Ettore Diotallievi, minn Rimini, belt rinomata fl-Istati tal-Papa. Mons. Ettore ġie Malta fejn serva sentejn bħala Inkiżitur. Wara li l-ħabib, jew protettur tiegħu, l-Inkiżitur Ettore Diotallievi, ħalla Malta, il-Perugino baqa' hawn fil-gżejjer tagħna.[22] Fit-18 ta' Jannar 1615, il-Perugino ingħaqad fis-Sagrament taż-Żwieġ ma' Vincenza Bonnici, bint adattata tal-prijur ta' Messina, il-Kavallier Ferrante Coiro.[23] F'dokument nutarili tal-1633, lil Amadeo Perugino nsibuh proprjetarju ta' ġnien mal-ġenb tal-Knisja ta' Sarrija, il-Furjana. Fl-imsemmi dokument il-Perugino huwa aċċennat bħala: *"M$^{ro}$ Bartolomeo Amadeo Perugino figlio di Francesco Perugino habitante della Città Valletta"*.[24]

Mingħajr ma jsemmi l-epoka, u mingħajr ma jiżvela s-sors, Mons. Anton Gauci (*tad-Dublun*: 1925-2013) jgħid li Amadeo Perugino għamel 12-il sena jgħix hawn Għawdex, il-Fontana, f'dar qrib l-Għajn il-Kbira, li kienet tal-Inkiżitur.[25] Jekk ikolli ngħid, din it-tagħrifa, Mons. Gauci sata' sar jafha minn xi wieħed mir-Romanzi jew mill-karti tal-qarib tiegħu Dun Alwiġ Vella *ta' Savina* li tant kien studjuż u intiż fl-istorja. Interessanti nirrimarkaw ukoll li fil-Brevi Appostoliku tal-Papa Piju XI li ordna l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-B.V.M. Ta' Pinu, maħruġ taħt il-firma tal-Kardinal Eugenio Pacelli, Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, nhar l-24 ta' Mejju 1935, isem il-*Perugino* jingħata bħala ***Stephanus Amodeus da Perugia***.



**Kappella fuq art ġeoloġikament vulnerabbli**

Mill-ewwel żwieġ tagħha ma' Ġio Filippu Muscat, Katarin, bint Pinu Gauci, kellha lill-Avukat Ġann

Dumink Muscat,[26] li fl-1648 iżżewweġ ma' Ewġenja Tonna Pontremoli. Fl-1645, minkejja li kien għadu daqsxejn ta' ġuvnott ta' madwar tmintax-il sena, l-art tal-knisja u l-artijiet kollha tal-madwar għaddew f'idejh. L-Avukat jidher li ħa interess sewwa f'Ta' Pinu għax kif jixhed l-Isqof Mikiel Balaguer innifsu fil-Viżta tal-1654, il-kappella kienet saret il-ġawhra tal-kappelli tal-kampanja Għawdxija. Safrattant, fl-1665 il-kappella reġgħet kienet mill-ġdid ipprofanata waqt Viżta mill-Vigarju Kapitulari Mons. Pietru Attard. Dik il-ħabta Malta u Għawdex kien ġa ilhom sentejn mingħajr Isqof tagħhom.



The original Sanctuary Ta' Pinu - Gozo

Fl-1672, Elena Muscat, li Pinu Gauci kien jiġi l-bużnannu tagħha, bint l-Avukat Ġann Dumink u Ewġenja Tonna Pontremoli, ingħaqdet fiż-żwieġ man-nobbli Kavallier, it-twajjeb Giovanni Gourgion, Malti. Meta fl-1675 l-art tal-kappella ġiet bħala dota tagħhom, il-knisja li kienet ruħha fi snienha, kienet illapazzata mill-aħjar li setgħu u sa nofs Awwissu 1676 infetħet mill-ġdid għall-qima tad-devoti minkejja l-fatt li kien għadha pprofanata. Fit-2 ta' Ottubru tal-istess sena, bil-barka tal-ewwel Arcisqof ta' Malta, Mons. Luqa Buenos, reġa' kien permess il-prattika tal-Kult Divin, inkluż iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies. Fl-4 tal-istess xahar ta' Ottubru 1676, is-sidien assenjawlha bħala Rettur lil Dun Dumink Axiak (1645-1724) mill-Għarb.

Nhar it-22 ta' Novembru 1678, l-Knisja Ta' Pinu saritilha l-Viżta Pastorali mill-Isqof il-ġdid ta' Malta, Mons. Mikiel Ġlormu Molina (1678-1682). Fir-rapport tal-Viżta jingħad li l-kappella kienet magħmula minn tliet ħnejjiet. Kellha artal wieħed tal-ġebel li fuqu kien jitqaddes il-quddies. 'Il fuq minn dan l-artal kien hemm ħoġor tal-ġebel li fuqu, ġo arkata, kien hemm poġġut kwadru bl-immaġni tal-Madonna. Din kienet tirrappreżenta l-Assunzjoni tal-Beata Verġni Marija. Il-gwarniċ tagħha kien tal-injam, parti minnu indurat bid-deheb u parti oħra miżbugħa bl-iswed. Fuq in-naħa tal-epistola kellha lampier imdendel mal-ħajt. Biex wieħed jitla' fuq dan l-artal kien hemm bradella tal-injam. Il-bieb tal-kappella kien iħares lejn il-lvant u quddiemu kien hemm zuntier żgħir.

Fid-29 ta' Awwissu 1679, l-Għarb tgħolla għad-dinjità ta' parroċċa. F'qasir żmien, l-Isqof Molina, bil-beneplaċitu kollu tas-sid, għadda t-tliet skuti renta li kellha l-knisja Ta' Pinu lill-Kappillan tal-Għarb bil-patt li annwalment jagħmel hu l-festa titulari u jaħseb għall-manutenzjoni tagħha (Ġ. Farrugia, *op. cit.* p. 7). Il-flus kienu dovuti mingħand l-imsemmija koppja Giovanni u Elena Gourgion.

Nhar it-2 ta' Ottubru 1736, il-kappella Ta' Pinu saritilha l-Viżta Pastorali mill-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan, li fir-rapport ħalla miktub li wħud mill-ħitan kienu qed jitmermru, li kienet meħtieġa tiswija ġenerali u li baqa' mistagħġeb kif kienet miżmuma daqstant ħażin.[27]

Minn dan li rajna, konċett li jqanqal kurżità huwa l-fatt ta' kemm-il darba nbniet il-kappella, u li fi żmien relattivament qasir terġa ssir ħerba! Kulmin kiteb dwar l-istorja tal-knisja, għal mod kif l-istruttura tagħha ma kienet isservi xejn, dejjem issemmew l-isbarki tat-Torok; it-terremoti tal-1658, hekk magħrufa bħala ta' Santa Ċeċilja; li kien żmien il-faqar; li kienet wisq esposta għall-elementi, u tkewtil ieħor! Il-fatturi msemmija huma kollha validi u jagħmlu ħafna sens basta meħuda fil-perspettiva reali, teknika, u storika tagħhom. Imma xorta mhux normali li struttura mibnija fuq linji arkitettoniċi sani li tiżmatta f'perjodu daqstant qasir.[28] F'dan ir-rigward, il-kappella Ta' Pinu żgur għandha r-*record* tal-aktar struttura fi gżiritna li ġġarfet u reġgħet inbniet, jew li kienet ser tiġġarraf u ssewwiet! Il-loġika turina ċar, li allura, bilfors kien hemm xi ħaġa mhix f'postha.

Fl-opinjoni fqajra tagħna, din ix-xi ħaġa kienet waħda ġeoloġika – il-fraġilità tal-blat *tar-ratba,* minn dak il-qalliegħ, li fuqu kienet mibnija l-kappella. Mons. Farrugia jgħidilna li l-kappella kienet mibnija fuq *un naturale rialzo del suolo, formato dalla nuda roccia* (Ġ. Farrugia, *op. cit.*, p. 1), jiġifieri li l-kappella kienet mibnija fuq ħotba naturali, iffurmata minn blat mikxuf. Anki jekk bir-raġun kollu, hu ma kienx jifhem fil-blat, imma biss minn dak li ra b'għajnejh, jiddeskrivih bħala: *"roccia friabile"* (Ġ. Farrugia, *op. cit.*, p. 8), jiġifieri blata li tista' tinkiser jew titfarrak malajr.[29] Il-fatt li art kienet ħotbija, bis-sisien espost għall-elementi, il-blat artab tagħhom kien qed jiddeterjora b'mod mgħaġġel bil-konsegwenza li l-pedamenti jiddistabbilizzaw irwieħhom. Kaġun ta' hekk, jiżviluppaw konsenturi fil-ħitan, jidħol l-ilma tax-xita u l-ħsara dejjem tikber. Il-ħasra kienet li meta jiddeċidu li jergħu jibnu l-kappella mill-ġdid, jew jirrestawrawha, x'aktarx minħabba n-nuqqas ta' fondi, u minħabba li fil-qrib, jiġifieri fil-wiċċ, ma kienx hemm ġebla tajba, qatt ma kellhom il-kuraġġ jibdew il-ħitan minn taħt is-sies biex ilibbsuh u hekk iħarsuh mill-elementi – l-ikbar għadu tagħhom.

**Il-Viċi-Retturi u dak li seħħ fi żmienhom**

Bħalma ġa aċċennajna, fil-Viżta tal-1736, l-Isqof Alpheran irrimarka li l-knisja Ta' Pinu kellha bżonn ta' tiswija ġenerali bla aktar telf ta' żmien għax wħud mill-ħitan kienu qed jitmermru. Dan jista' jkun indizzju li l-kappella kienet mibnija b'ġebla ħażina; x'aktarx ġebel maqtugħ minn sies, viżibbli anki llum, in-naħa *ta' Sdieri.* Il-parti li tħares lejn Grieg it-Tramuntana kienet waslet biex taqa' minn mument għall-ieħor. Dik il-ħabta, il-knisja kien jagħmel minnha Dun Mikiel Axiak (1698-1766) mill-Għarb, ħu Dun Ġużepp, il-Kappillan tal-Għarb, li serva bħala Viċi-Rettur bejn l-1724 u l-1766. Ekonomikament

iż-żmien kien pessimu. Bit-tħabrik tal-Viċi nġabru għadd ta' rġiel mill-ħâra Ta' Għammar li għalenija wettqu dawk it-tiswijiet l-aktar bżonjużi biex hekk, almenu proviżorjament, ħażin jew tajjeb, salvaw il-kappella.

Minħabba l-interess tan-nies li jgħammru f'Ta' Għammar il-kappella baqgħet miżmuma tajjeb sal-aħħar tas-seklu tmintax. Meta żarha l-Isqof Vincenzo Labini fit-2 ta' Mejju 1797, innota li kellha kulma kien meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Dik il-ħabta l-Viċi-Rettur kien Dun Nikol Agius (1726-1800), mill-Għarb, li serva bejn l-1766 u l-1800.

Ġara iżda, li mal-mogħdija taż-żmien, ir-renta tat-tliet skuti li l-parrokat tal-Għarb kien qed jieħu biex jorganizza l-festa titulari u jaħseb għall-manutenzjoni tal-knisja, tant iddeprezzaw rwieħhom li ma kienx aktar possibbli li junurawhom it-tnejn. Għaldaqstant, waqt li baqgħu jadirixxu fedalment għall-ewwel kundizzjoni, jiġifieri li jorganizzaw il-festa titulari, ħallew l-istruttura tal-knisja u l-utensili sagri wżati fil-liturġija, ifendu għall-riħhom. Kienet deċiżjoni egoista u xejn għaqlija. Hawn, jgħidilna Mons. Farrugia, iż-żmien u l-elementi ma wrew l-ebda ħniena fl-opra distruttiva tagħhom.[30]



*Id-dar ta' Dun Indri Camilleri*

Dik il-ħabta, il-Viċi-Rettur inkarigat minn Ta' Pinu kien Dun Indri Camilleri (*Karlett:* 1754-1852) minn Għammar, li serva bejn l-1800 u l-1834. Kien joqgħod ħada r-rovini tal-kappella ta' San Leonardu li llum flokha sewwa hemm dik ta' San Pupulju. Kellu wkoll dar f'dik li llum hija Triq il-Wilġa, l-Għasri, fejn jingħad li kien jagħti lezzjonijiet lil dawk l-istudenti li riedu jsiru qassisin. Għalih, Mons. Ġ. Farruġia, kellu dan xi jgħid: "Wara Gio. Domenico Muscat u l-eredi tiegħu, il-koppja Gourgion, benefatturi kbar tal-kappella, dejjem kont issib xi qassis li jieħu kura tagħha. Fost dawn tibqa' ħajja l-memorja ta' Dun Indri Camilleri u l-ġa mfaħħar Dun Ġużepp Cassar" (Ġ. Farrugia, *op. cit.* p. 10).

Fl-1834, nies tabilħaqq devoti tal-Madonna, prinċipalment mill-irħajjel Ta' Għammar, ma ħamlux jaraw dik il-ħsara kollha tkompli għaddejja. Dik il-ħabta l-art tal-knisja kien jagħmel minnha s-Sur Markiż Francesco Saverio De Piro (1824-1894)[31] li kien bniedem tassew lħiħ. Minkejja li mitlub bosta drabi, saħansitra minn fost oħrajn, l-Isqof Mons. Ant. Grech Delicata – minkejja li l-familji tagħhom kienu b'xi mod imħalltin ma' xulxin – hu ma ried jikkontribwixxi xejn aktar ħlief it-tliet skuti fis-sena li kien ta lill-knisja s-Sur Ġanni Gourgion. Dun Salv Camilleri (*tas-Sajf*: 1926-1999) tal-Għarb jgħid li minħabba l-faqar il-lampier tal-knisja Ta' Pinu bosta drabi kien jibqa' mitfi. Meta l-bdiewa Ta' Għammar kienu jmorru Malta apposta biex iħallsu ċ-ċnus u l-qbejjel tar-raba' dovuti lilu, dejjem kienu jokorbulu u jitolbuh xi ħaġa għaż-żejt tal-lampier, iżda hu qatt ma rħielhom xejn. Jingħad li darba waħda biss ġietu ħniena u ħalla 4d (€0.04) mill-qbiela li kellu jagħtih ċertu M'Anġlu Formosa,[32] għal dan is-Santwarju.

**Tumas Cassar u neputih Dun Ġużepp, salvaw il-knisja mir-rovina**

Imma Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija. Fost kulħadd, jissemma bi prominenza l-prokuratur il-ġdid, Tumas Cassar (1771-1847),[33] ġuvni ta' stoffa mill-kuntrada tal-Fgura, l-Għarb, li b'dak li żborżja minn butu, u b'offerti żgħar oħra, bnew sieq ġdida taħt il-ġenb ta' Grieg it-Tramuntana.[34] Dan il-ħajt mhux biss serva ta' puntal li rifed il-ġenb tan-naħa *ta' Sdieri*, iżda li aktar minn hekk kellu jħares il-blat ħażin li fuqu kienet mibnija l-knisja mill-elementi. Jaħasra kieku dawn il-qasbtejn ħajt saru meta nbniet il-knisja l-ewwel darba, kemm ħsarat u nkwiet kienu jkun evitat!

Maħkum mill-għejja tax-xjuħija, fl-1840, Tumas Cassar, deliberatament irrinunzja għall-prokura tal-knisja afdata fil-kura tiegħu. Minfloku, l-Arċipriet tal-Għarb ħatar lil Dun Ġużepp Cassar (1803-1866),[35] neputi tal-imsemmi Tumas, bħala Viċi-Rettur Ekkleżjastiku ġdid għal Ta' Pinu. "Dun Ġużepp kien qassis devotissimu minn dawk in-naħiet (Ġ. Farrugia, *op. cit.* pp. 8-9). Appena rċieva l-ħatra, hu u ż-żewġ ħutu xebbiet: Grezzja u Dolora, mill-Għarb, niżlu jgħammru Wara ta' Għammar, fid-dar nru. 23, Triq Għammar, biex ikun qrib Ta' Pinu u qalb dawk il-ħodon nies twajbin li kienu joqogħdu f'dawk l-akkwati.

Inkuraġġit mir-riżultat tajjeb miksub minn zijuh bil-bini tal-ħajt riffied tan-naħa *ta' Sdieri*, Dun Ġużepp Cassar iddeċieda li jagħmel ieħor simili, l-oppost tiegħu, in-naħa ta' Nofsinhar il-Lbiċ. Imma ta' għaqli li kien,

ħaseb li b'ġebla waħda jista' jolqot żewġ għasafar u flok riffied biss, iddeċieda li jibni daqsxejn ta' sagristija żgħira minn butu stess u minn offerti oħra li tawh dawk li kienu jiffrekwentaw il-maqdes. Bil-bini tas-sagristija, nifhem li Dun Ġużepp sata' joffri aktar minn ħinu għas-servizz tal-kappella u tan-nies ta' Għammar li kienu jiffrekwentawha, fosthom biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ta' kuljum (Ġ. Farrugia, *op. cit.* p. 11). Dun Salv Camilleri jgħid li bil-permess tal-Arċipriet, Dun Ġużepp kien jagħmel annwalment rakkolta mar-raħal tal-Għarb kollu għal din il-kappella.

Meta ħassu ma jiflaħ ikompli jmesrek wisq aktar bejn Wara ta' Għammar, fejn kien joqgħod, u Ta' Pinu, bejn l-1850 u l-1852 bena minn butu l-Knisja ta' San Pupulju flok ir-rovini ta' kappella oħra ferm antika ddedikata lil San Leonardu Abbati. Minkejja li xorta baqa' responsabbli minn Ta' Pinu, issa, la kellu wkoll il-knisja tiegħu, Dun Ġużepp nifhmu li korrielu bħal qaddej tal-parabbola, li msejken ried jaqdi żewġ sidien! Anki jekk kien jarah sejjer lura, dwar Ta' Pinu, xorta kellu moħħu mistrieħ, għax dak li ma setax ikompli jwettaq hu kien qed iwettqu ħabibu Dun Franġisk Mercieca (*ta' Skardi*: 1813-1891), mill-Għasri.

Wara l-mewt ta' Dun Ġużepp Cassar, minkejja li Dun Franġisk Mercieca sar responsabbli minn San Pupulju, xorta baqa' jservi f'Ta' Pinu; servizz li kompla jwettqu sa ma miet fl-1891. "Fil-15 ta' Novembru, il-Għasri, miet is-Saċerdot Dun Franġisk Mercieca fl-età ta' 80 sena wara marda qasira li sofra bi kbira rassenjazzjoni. Kien reliġjuż tajjeb, sinċier, maħbub minn kulħadd. Kien kuljum iqaddes Ta' Pinu bi kbira devozzjoni, u għalkemm kien joqgħod fil-bogħod u ta' età kbira, bnazzi jew maltemp kien jarġa' filgħaxija jmur fejn il-Madonna jgħid id-devozzjonijiet tiegħu. Kien ilu jqaddes 54 sena. Bosta Maltin kienu jsejħulu *l-Qassis iċ-ċkejken Ta' Pinu*. Ġie midfun kif ried fil-knisja ta' San Pupulju, l-oqrob mill-knisja Ta' Pinu".[36] Huwa kien magħruf bħala *ċ-ċkejken* minħabba l-istatura żgħira tiegħu. Dun Ġużepp Portelli (*tal-Haddied*: 1880-1949) kien jgħid li dan il-qassis tant kien qasir li biex iġib il-pissidi minn ġot-Tabernaklu kien ikollhom jagħmlulu banketta.[37]

Tant Dun Ġużepp Cassar issokta jaħdem għal Ta' Pinu sal-aħħar, li f'Settembru 1862, għamel talba lill-Arċisqof Mons. Gejtanu Pace Forno biex il-knisja tiġi msewwija. Għal dan il-għan kellu f'idejh par imsielet u oġġetti oħra tad-deheb, li b'kollox kienu jġibu 23 skut (€4.86), mogħtija lil din il-knisja mid-devoti tagħha. Hu xtaq ibigħ dawk l-oġġetti biex ikopri għat-tiswijiet meħtieġa. Mons. Arċisqof talab il-parir tal-Vigarju Kurat tal-Għarb, li dak iż-żmien kien il-Kan. Dun Salv Farrugia tal-Matriċi, li min-naħa tiegħu wieġeb lura fil-30 ta' Settembru 1862. Sodisfatt bit-tali risposta, fil-11 ta' Ottubru tal-istess sena, Mons. Arċisqof ikkonċieda għall-permess mitlub.

Mhux magħruf x'tiswijiet saru, imma ma jistax ikun li saru xi xogħlijiet ta' natura maġġuri. Bit-tisħieħ fil-pedamenti li kienu għamlu aktar kmieni hu u zijuh Tumas, il-qagħda ġenerali tal-edifiċċju tal-kappella kien tjieb b'mod konsiderevoli. Biss jista' jkun li l-kappella xxaqqet xi kemmxejn għax meta l-bini tas-sagristija l-ġdida, naturalment strieħ, ġibed xi ħarira l-qadim li kien intakkat miegħu. Għal min hu tal-mestjier, xi ħaġa simili hija prevedibbli u mhux inkwitanti.




**Ta' Pinu fi żmien l-ikbar ġrajja ta' Għawdex**

Intant, Dun Ġużepp Cassar miet nhar it-13 ta' Diċembru 1866, mibki u mfaħħar minn kulħadd (Ġ. Farrugia, *op. cit.* p. 10). Jinsab midfun fil-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata tal-Għarb.[38] Wara l-mewt ta' Dun Ġużepp, bħala Viċi-Rettur insibu lil Dun Ġio Marija Saliba (*ta' Kizaw*: 1828-1888) ta' 26, Triq Għammar, li serva bejn l-1866 u l-1883: is-sena tal-akbar ġrajja tal-knisja, meta l-Madonna Ta' Pinu, mill-kwadru tal-Perugino, nhar it-22 ta' Ġunju, kellmet lil Karmni Grima (*ta' Pori*: 1838-1922). Imma billi Karmni żammet kollox mistur għal diversi snin, isem Dun Ġio Marija, storikament, m'hu bl-ebda mod marbut mat-tali ġrajja prodiġjuża.

Dun Ġio Marija, bin Nardu u Ġużeppa Camilleri twieled fl-irħajjel Ta' Għammar fl-1828, u ordna saċerdot nhar it-18 ta' Settembru 1858 minn idejn l-Isqof Għawdxi, Mons Gaetano Pace Forno. Kien neputi ta' Dun Tumas Saliba (1700-1776), Fundatur tal-Benefizzju tal-Wied tal-Għasri u l-Ewwel Rettur tal-Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju. Kien kuġin ta' Dun Ġużepp Saliba (1807-1869) ta' nru. 3, *Via Ghammar*, l-Għasri, wieħed mill-parrinijiet fil-Magħmudija ta' Karmnu Grima (*ta' Pori*). Miet fl-1888. Fi żmien ir-rettorat tiegħu, il-Knisja reġgħet marret lura għax il-fondi kienu skarsi wisq. Fil-Viżta Pastorali tal-1869, l-Isqof Antonio Grech Delicata: *"ha giudicato che la Chiesuola sia in una imminente rovina"*. Ordna li tkun restawrata mill-aktar fis a spejjeż tal-proprjetarju l-Markiż Francesco Saverio De Piro (AEG, VP [1869] $105^r$).

**Ir-Retturi li kellha l-Knisja Ta' Pinu**

Wara Dun Ġio Marija Saliba, fl-1883, sar Dun Fakond Galea (1859-1897), Kan. Onor. tal-Kolleġġjata tal-Għarb, li dam iservi sal-1886 biex mar Kappillan tal-Isptar tal-Ingieret, Malta. Minn Galea 'l quddiem, l-amministraturi tal-kappella bdew jissejħu retturi u mhux aktar viċi-retturi. Anzi, Mons. Can. Dun Pawl Cauchi, fi *Storja tal-Madonna "Ta' Pinu" bl'Innu Tahha* (Malta 1935) jirreferi għalihom bħala *Il Cappillani tas-Santuariu* (ara p. 12).

Fl-1886, wara Dun Fakond, sar Dun Anton Debono, B. Litt. (*ta' Ġanpatist*: 1858-1937) mir-Rabat, Għawdex. Fi żmien ir-rettorat tiegħu, sa mis-sena 1887 bdiet tkun iċċelebrata d-devozzjoni tal-manifestazzjoni tal-Verġni Marija mix-Xbieha tas-Santwarju Ta' Pinu. Kienet issir annwalment fil-25 ta' Marzu – festa liturġika tal-Lunzjata. "F'dan is-Santwarju jsiru wkoll il-Festi ... tal-Annunzjazzjoni, li hi miżmuma bħala tfkira tal-bidu tad-devozzjoni lejn is-Santwarju stess".[39] Fis-sena 1896 din bdiet issir fit-22 ta' Ġunju, filgħodu. Minn kif jidher, però, il-festa ta' Jum il-Lunzjata ssuktat għaddejja xorta waħda. Infatti Dun Salv Camilleri jgħid li fil-25 ta' Marzu 1917, għeluq it-30 sena minn meta kienet bdiet id-devozzjoni lejn il-Madonna saru festi solenni li għalqu bil-kant tat-*Te Deum* għal tant grazzji li hi kien għoġobha tagħti lill-maħbubin devoti tagħha. Intant, Dun Anton dam rettur biss sal-1889 biex mar missjunarju fl-Alġerija, u sussegwentement, fl-1894, sar it-tieni Kappillan ta' Kerċem.



**Il-Jum meraviljuż tat-22 ta' Ġunju 1883**

Sadattant f'Għawdex kienet bdiet timxi x-xniegħa li l-Madonna Ta' Pinu kellmet lil waħda mara twajba tar-raħal. Dikment, kulmin f'Għawdex kellu anki almu biss jitkaxkar, erħilha għal Ta' Pinu. *Il Propugnatore Cattolico* – il-ġurnal tad-Djoċesi ta' Għawdex, tas-16 ta' April 1887, jgħidilna li: "Minn diversi ġimgħat 'il hawn, numru kbir ħafna ta' fidili minn kull naħa tal-gżira qed imur iżur din il-knisja żgħira ddedikata lill-Assunta, fl-inħawi Ta' Għammar.[40] **Jingħad li l-Verġni Santissma semmet leħinha lil waħda mara twajba tar-raħal filwaqt li stednitha żżurha u tgħid hemm xi talb f'ġieħ it-tliet ijiem li l-ġisem bla tebgħa tagħha dam fil-qabar.** Dan jingħad li ġara sena ilu [fil-fatt kien ilu kważi erba' snin], iżda l-persuna ma riditx ixxerrdu; u lanqas issa ma għamlitu, jekk mhux, kif jidher, għax imġiegħla minn motivi serji ħafna".

Dan kollu wasal ukoll f'widnejn l-Isqof Mons. Pietru Pace, li kien tal-fehma li wieħed għandu jistenna għaliex jekk dik il-ġrajja kienet ġejja mis-sema, Alla nnifsu jsib mezz sabiex toħroġ il-verità. Iktar tard però, l-Isqof ra l-ħtieġa li jkunu msejħa Karmni Grima u Franġisk Portelli biex jistqarru huma stess dak li ġara fis-Santwarju Ta' Pinu. Għal dan l-iskop qabbad lill-Arċipriet tal-Għarb, il-Kan. Dun Franġisk Saverju Debrincat biex jagħmel dan l-istħarriġ. Fit-23, u s-26 ta' Marzu 1887, l-Arċipriet sejjaħ quddiemu lil Portelli u l-Grima rispettivament. F'nofs dik is-sena, Karmni Grima, bil-ġurament, irrakkuntat lill-Isqof kif kienu seħħew l-affarijiet.

Fuq talba ta' Mons. Ġużeppi Farrugia li ried jikteb il-ġrajjiet prodiġjużi Ta' Pinu fi ktieb, kif fil-fatt għamel, talab lill-Arċipriet tal-Għarb biex mill-ġdid jarġa' jieħu d-depożizzjoni ta' Karmni Grima. Din it-tieni stqarrija ttieħdet mill-Arċipriet nhar it-8 ta' Settembru 1890, festa tal-Madonna tal-Vittorja. Minn dan l-istħarriġ ħareġ li l-ġrajja tad-dehra twettqet aktarx f'Ġunju 1883.

L-istorja, kif jirrakkuntaha Mons. Farrugia hija din: 'Jum fix-xahar ta' Ġunju 1883, Karmni Grima, bint il-mejjet Tommasu, xebba bidwija mill-Għarb, li kellha 45 sena magħluqa, kienet ġejja lura lejn darha, mill-għalqa tagħhom in-naħa tal-Ġurdan, fil-waqt li kienet tirreċita xi talbiet privati tagħha. Kienu qrib l-għaxra ta' filgħodu. Xħin waslet f'dik il-parti tat-triq li tingħaqad mal-passaġġ li jwassal għall-Knisja Ta' Pinu, semgħet għal darbtejn jew tlieta leħen isejħilha: ***"Ejja, Ejja"***. Il-mara kkonfondiet ħafna, għaliex ma kien hemm ħadd f'dan il-ħin fl-għelieqi li dak il-leħen setà kien tiegħu. Wara li damet għal ftit konfuża, iċċaqalqet u bdiet miexja mill-ġdid. Imma l-leħen ta' qabel reġa' tenna: ***"Ejja llum, għaliex qabel sena ma tkunx tista' tiġi"***. Għalhekk, hija reġgħet xi passi lura sabiex taqbad il-passaġġ u bdiet miexja bil-mod u beżgħana, għax ħasbet li ser issib lill-Verġni Mbierka nnifisha, mhux impittra fuq it-tila. Imma xħin waslet ħdejn il-bieb tal-kappella li kienet magħluqa u ttawlet mit-tieqa żgħira miftuħa fl-istess bieb, xħin rat li ma kien hemm ħadd, għamlet ftit tal-kuraġġ lilha nnifisha, u għad li kien fadlilha l-biża', daħlet fil-knisja. Talbet għal ħin wieħed u ġarrbet hena mhux tas-soltu; u xħin spiċċat qagħdet ittella' u tniżżel taħseb x'sejra tirreċita iżjed. F'dak il-ħin, l-istess leħen reġa' qalilha: ***"Irreċita tliet Ave b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam fil-qabar"***. Qalet it-tliet Slimiet b'ħeġġa ta' devozzjoni ikbar u reġgħet lura lejn darha u matul sena sħiħa ma kellhiex okkażjoni li terġa' tmur lejn dawk l-inħawi tas-santwarju'.[41]

Issa kien fadal għaqqux ieħor, dak li tinstab il-ġurnata u d-data preċiża tad-dehra. Kif jirriżulta mit-tieni xhieda tagħha, Karmni kien għadha tiftakar biss li l-ġrajja twettqet f'Ġunju, tal-1883. Ta' min jgħid li safrattant, wara Dun Anton Debono, fl-1894, sar Rettur Dun Alfons Marija Hili, mir-Rabat u dam sa Marzu 1899, minħabba li nħatar kanoniku Lettur tal-Katidral.

Dun Alfons tkellem ma' Karmni u minn għandha sar jaf li l-ġurnata tad-dehra kienet il-Ġimgħa u kien jum qrib it-tmiem tax-xahar ta' Ġunju. Wara li għamel dan, qabad f'idejh il-Kalendarju tas-sena 1883, is-sena tad-dehra, u sab li fix-xahar ta' Ġunju kien hemm ħamest ijiem li ħabtu l-Ġimgħa: l-1, it-8, il-15, it-22 u d-29. B'metodu ta' eliminazzjoni, Dun Alfons ikkonkluda li l-jum tad-dehra kien it-22 ta' Ġunju. Peress li Karmni qaltlu li semgħet il-leħen tal-Madonna fl-aħħar parti tax-xahar ta' Ġunju, l-ewwel tliet possibbiltajiet, jiġifieri l-1, it-8 u l-15 tax-xahar, ġew esklużi. Lanqas sata' kien id-29 tax-xahar, għal kienet l-Imnarja, dak iż-żmien festa kkmandata, u Karmni żgur ma kenitx ser tmur taħdem fir-raba'

dakinhar. Hekk ħareġ mingħajr l-iċken dubju li s-sejħa ssuċċediet fit-22 ta' Ġunju 1883 – jum l-ikbar ġrajja fl-istorja ta' gżiritna.

**Franġisku Portelli: messaġġier ieħor tal-Madonna**



Bħalma ġa aċċennajna, Karmni Grima żammet is-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu mistura f'qalbha għal żmien. Wara sentejn, hija tarrfet xi ħaġa lil Franġisk Portelli (*tal-Ħaddied*: 1850-1926) bin Salvu mill-Għarb, filwaqt li rrakkomandatlu d-devozjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu. Dan għamlitu għax kienet tafu bħala ġuvni ta' drawwiet l-iktar tajba. Franġisk ħa gost kbir imma għal dakinhar ma tkellem xejn aktar.



Darb'oħra Karmni fettlilha tistaqsih jekk hu kienx qatt sema' xi ħaġa straordinarja fil-knisja. Din id-darba Franġisk fetaħ fommu u qalilha li għal madwar sitt darbiet kien sema' b'mod sensibbli l-leħen tal-Madonna li rrikkmandatlu d-devozzjoni lejn il-pjaga tal-ispalla tal-Iben Divin tagħha, li kienet saritlu bit-toqol tas-salib fil-ħin li kien iġorru għall-Kalvarju (Ġ. Farrugia, *op. cit.*, p. 14). Minn dakinhar 'il quddiem bdew niżlin xita ta' grazzji u favuri fuq dawk kollha li kienu jirrikorru lejn il-Verġni Assunta Ta' Pinu. Mons. Andrea Vella taż-Żebbuġ jgħid li: "F'Ġunju 1883 tkellmet il-Madonna Ta' Pinu ma' Karmni Grima. Ix-xjuħ tagħna, li pprattikaw is-snin tal-ġuħ fis-seklu li għadda, jgħidu li minn meta tkellmet il-Madonna Ta' Pinu, tar u spiċċa l-ġuħ minn Għawdex".[42]

L-ewwel grazzja, almenu dik reġistrata, niżlet fuq Ċensa Portelli, omm Franġisku, li f'Novembru 1886 kienet tbati b'mard kardijaku akut. Uliedha rnexxielhom jiksbu l-fejqan tagħha bit-talb u bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu. L-omm minnufih fieqet għal kollox u wara ftit setgħet toħroġ biex iżżur lill-Madonna u damet tgħix sentejn u nofs oħra u mietet ta' 77 sena.

"It-tabib [kuranti] lanqas ried jemmen u baqa' għal żmien twil ma jafx x'kien ġara. L-aħbar ta' dal-fejqan mirakoluż ġriet bħal-leħħa ta' berqa mal-erbat irjieħ ta' Għawdex. Sa filgħaxija t-toroq t'Għammar saru serbut wieħed ta' ħlejjaq ma jaqtgħu xejn, nies ġejjin u sejrin, lejl u nhar".[43]

**Il-Kappella ttrasformata mil-lejl għan-nhar f'ħakka t'għajn**

Fl-Għarb, il-fejqan ta' Ċensa Portelli qanqal ħafna stagħġib għax kulħadd kien qed jistenna li ser tmut minn ħin għall-ieħor, u mhux li tfiq. Minnufih li sar magħruf li l-fejqan tagħha sar bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu, donnu li xi ħadd bexxaq fommu, u lejn l-aħħar ta' Jannar 1887 bdiet tiġri x-xniegħa li l-Madonna kienet tkellmet mill-kwadru tal-Perugino. Sa dakinhar il-persuna jew persuni li magħhom tkellmet kien għadhom mhux magħrufa imma l-previżjoni tan-nies ta' dawn l-inħawi ma marrux żmerċ. Bejn Marzu u April tal-istess sena l-konkorrenza tan-nies għal Ta' Pinu kompliet toktor sakemm f'Ġunju laħqet il-qofol tagħha.

Sa dak iż-żmien il-knisja Ta' Pinu kienet nieqsa minn kollox, filwaqt li xahar wara dehret mgħammra mhux biss minn dak kollu li kien meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddiesa imma wkoll minn kull ma jista' jiswa biex isebbaħ u jkabbar il-qima nisranija. Il-knisja Ta' Pinu lampier ma kelliex. Tawha wieħed b'wegħda t-tfal ta' Ċensa Portelli talli fejqitilhom lil ommhom. Franġisku, li ftit aktar 'il quddiem kellu jsir magħruf bħala wieħed mill-udituri ta' leħen il-Verġni Mqaddsa, kien l-ewwel wieħed li xegħel dan il-lampier li d-dawl tiegħu qatt ma kellu jintefa aktar. Ix-xemgħa tal-wgħiedi ta' kull daqs u ta' kull għamla, beda ġej minn kullimkien, u jixgħelu kemm jixgħelu minnu, ma jinħela qatt. L-ewwel il-faċċata ta' madwar il-kwadru, u mbagħad il-ħitan tal-knisja ġew miksija bih.

F'nofs is-santwarju ddendel lampier kbir u sabiħ mogħti mis-Sur Markiż Depiro, u maġenbu l-ewwel ma tqiegħdu kienu żewġ lampieri oħra rigal ta' Dun Alwiġ Cremona. Imbagħad ċertu sinjur Malti, G. L. A. meta osserva l-kotra ta' tqarbin li kienet qiegħda ssir, ordna malajr pissidi sabiħ u plattin tal-fidda indurat li jiżen ħdax-il uqija, kif ukoll kalċi sabiħ ferm tal-istess metall. Is-Sur Ġużeppi Micallef, Malti bagħat terħa sabiħa tal-ħarir abjad għall-artal waqt li d-ditta tas-Sinjuri Busuttil irregalat ventartal tal-lama tad-deheb fin.

Il-qalbiena u devoti sajjieda Għawdxin ħargu xi ħaġa kull wieħed u xtraw ċensier sabiħ tal-metall bin-navetta b'kollox waqt li l-karozziera ġabru somma bejniethom li biha xtraw sitt gandlieri tal-metall arġentat. Is-Sur Vinċenz Cremona offra sett gandlieri oħra tal-metal biex jintużaw fil-festi waqt li is-Sur Ġann Bisazza ta' Malta, offra sett gandlieri oħra tal-injam għall-kuljum u par ġenuflessorji sbieħ ħafna. Dawn l-oġġetti, u ħafna oħrajn magħhom, il-Madonna qalgħethom f'anqas minn sena wara li bdiet id-devozzjoni tagħha.

Dawn l-offerti kollha jistgħu jfissru ħafna u jistgħu ma jfissru xejn għax il-Madonna tħares biss lejn il-qalb u l-intenzjoni retta ta' kull individwu. Veru li l-offerti huma meħtieġa u jridu jkunu, imma għall-Madonna l-aktar importanti huwa li nieħdu l-messaġġ tagħha u li nimxu wara dak li jridna binha Ġesù.

**Konklużjoni**

Il-fatt li ser nieqfu fil-punt tal-ikbar ġrajja fl-istorja Ta' Pinu u ta' gżiritna, u immedjatament wara, meta l-konkorrenza tad-devoti kienet laħqet l-apiċe tagħha, ma jfissirx li wara, minn dakinhar sal-lum, l-istorja waqfet, jew li b'xi mod hija inqas importanti. Altru! Minn dakinhar 'il hawn inbniet knisja ġdida, relattivament kbira fid-daqs u mill-isbaħ fl-istil arkitettoniku tagħha. Il-lok, darba straman, u xejn ma jħajrek, sar arena nazzjonali ta' manifestazzjonijiet ta' fidi, u forum internazzjonali ta' laqgħat bħal pereżempju meta bejn it-8 u t-18 ta' Settembru 1983 inżammu d-IX Kungress Marjoloġiku u s-XVI-il Kungress Marjan Internazzjonali.

Mill-1883 sa żmienna, l-okkażjonijiet l-aktar saljenti fl-istorja Ta' Pinu kienu: • Il-Brevi tal-Papa Ljun XIII mogħti fl-4 ta' Marzu 1890 li bih ikkonċieda indulġenza plenarja, applikabbli għall-erwieħ tal-purgatorju, lil kulmin jinviżta s-santwarju Ta' Pinu mill-ewwel vespri sa tlugħ ix-xemx tal-għada fil-ġranet dedikati lill-Madonna, jiġifieri fil-Kunċizzjoni, fil-Lunzjata, fil-Gandlora, fil-kommemorazzjoni tal-Għerusija tal-Madonna u fl-ewwel u fit-tieni Ħadd ta' Ottubru, solennità u ottava tal-Madonna tar-Rużarju;[44] • il-Konsagrazzjoni tal-artal tal-kappella mirakoluża tal-Madonna, nhar il-11 ta' Frar 1906;[45] • it-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja il-ġdida nhar it-30 ta' Mejju 1920; • il-Konsagrazzjoni tal-Knisja nhar it-13 ta' Diċembru 1931; • il-ġieħ ta' Bażilika mill-Papa Piju XI, fil-31 ta' Awwissu 1932; • l-Inkurunazzjoni tal-Madonna mil-Legat tal-Papa Piju XI, l-Eminenza Tiegħu, il-Kardinal Alessio Enrico Maria Lepicier tal-Ordni tas-Servti, nhar l-20 ta' Ġunju 1935; • iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, nhar is-26 ta' Mejju 1990; • il-Warda tad-Deheb irregalata lill-Madonna mill-Papa Benedittu XVI, nhar it-18 ta' April 2010; • id-dikjarazzjoni uffiċjali ta' Santwarju Nazzjonali, mill-Konferenza Episkopali Maltija, nhar is-27 ta' Mejju 2015; • it-tberik u l-inawgurazzjoni tal-bini mill-ġdid tal-pjazza, il-paviment artistiku tagħha, u l-Mużajċi tar-Rużarju, nhar it-18 ta' Ġunju 2017; u finalment iż-żjara fil-parroċċi ta' Għawdex u l-Isptar Ġererali, tal-Kwadru Ta' Pinu bejn it-12 u is-27 ta' Jannar 2019, fl-okkażjoni ta' għeluq l-400 sena tal-kwadru nnifsu u fl-okkażjoni tas-Sena Marjana fid-djoċesi tagħna mnedija mill-Isqof Mons. Mario Grech. Is-sena Marjana fetħet fil-25 ta' Novembru 2018 u tagħlaq fl-14 ta' Awwissu 2019. Din kienet il-ħames darba li l-Kwadru Insinji tal-Madonna Ta' Pinu, inħareġ fi żjajjar simili; l-okkażjonijiet l-oħra seħħew fl-1949; fl-1950; fl-1983 u fl-2010.

Ma' dawn li semmejna, hemm żgur okkażjonijiet oħra; għal x'uħud forsi wkoll aktar importanti. Veru. Imma bħalma aċċennajna fit-titlu, din il-kitba saret bi skop li tagħti ħjiel tal-kappella oriġinali – il-lok modest u straman magħżul mill-Verġni Imbierka biex twassal lill-Għawdxin u lill-umanità kollha, messaġġ ta' umiltà; messaġġ ta' tama; sejħa ġeneruża ta' benefattriċi Smewwija li għax tassew tħobbna, tixtieqna naslu għand binha Ġesù permezz tagħha.

F'*La Beata Vergine "Ta Pinu" in Gozo,* Mons. Ġużeppi Farrugia jgħidilna li: "Għalina l-Għawdxin u l-Maltin li konna xhieda ta' dan kollu, ma għandux jiġina dubju li Marija qed issejħilna. Jonqos minna li nwieġbu għas-sejħa tal-vuċi tagħha u napprovaw il-pjanijiet tagħha ta' mħabba illi hi fasslet biex issalva lilna u lill-gżira għażiża tagħna" (Ġ. FARRUGIA, *op. cit*, p. 27).

Jalla din il-kitba sempliċi u fqajra sservi ta' kontribut, imqar ċkejken, għall-istorja glorjuża ta' dan is-santwarju nazzjonali. Ta' Pinu huwa monument viventi Marjan, bastjun qawwi, u xhieda ħajja ta' fidi tal-poplu Malti u Għawdxi, fejn il-Madonna, teżoriera tal-grazzji kollha, tferraq minnhom bil-ħala fuq kulmin jitlobhomlha.

**"O Marija li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa,**

**aqlagħlna l-grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija"**

---

**Riferenzi u noti:**

1: Dwar din is-sejħa sopranaturali, il-ħabib tagħna, is-Sur John Cremona, jagħmel mistoqsija oriġinali u intelliġenti ħafna. Biex tibqa' *on record,* naqsmuha wkoll mal-qarrejja tagħna:

"Niftakar li fl-1983, fl-ewwel ċentinarju mill-ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu, iz-ziju tiegħi Ġanninu Cremona (1927-2019) kiteb poeżija twila intitolata *Il-Ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu* u erba' versi minnha laqtuni u baqgħu dejjem iħabbluli moħħi. Il-versi kienu dawn:

*'U tkellmet il-Madonna – bl-ilsien tagħna l-Maltin*

*ma' Karmni xebba twajba – mill-Għarb, nisel l-Għawdxin'.*

Fl-opinjoni tiegħi kull min ħa u kiteb ix-xhieda ta' Karmni naqas li jagħmel mistoqsija importanti ħafna. **Biex tkellmet il-Madonna?** Dan jista' jkun minħabba li r-rakkonti kollha dwar il-ġrajja nkitbu bit-Taljan – għaliex dakinhar il-lingwa uffiċjali tal-Knisja u tal-Gvern kien it-Taljan – u jista' jkun ukoll li minħabba li l-lingwa Maltija ma kenitx apprezzata kif jixirqilha, ħadd ma ta kas ta' dan id-dettall importanti. Jien konvint li l-Madonna tkellmet b'mod li Karmni setgħet tifimha sew u dan ma setax ikun ħlief bid-djalett Għawdxi partikolarment tal-Għarb. Isaħħaħ it-teorija tiegħi l-fatt li f'dehriet oħra rikonoxxuti, il-Madonna dejjem tkellmet bil-lingwa tal-post, anzi bid-djalett partikolari tal-post fejn dehret. F'Lourdes fejn il-Madonna tkellmet għal diversi drabi ġie nnutat speċifikament li l-Madonna tkellmet bid-djalett *patois* partikolari ta' Lourdes kif naraw miktub f'riġlejn il-Madonna fil-grotta: *Que soy era Immaculada Concepciou.* Dan il-fatt ma kienx madankollu limitat biss għad-dehra ta' Lourdes għaliex nafu li f'La Salette, il-Madonna tkellmet bl-*occitan* u fi Guadelupe, bin-*nahati,* djalett partikolari taż-żewġ postijiet.

Għalkemm it-teorija tiegħi forsi qatt ma tista' tiġi ppruvata, dan ma jbiddel xejn mill-importanza tal-ġrajja u mill-fatt li l-post magħżul mill-Madonna biex twassal il-messaġġ tagħha kien Għawdex, proprju f'dik il-kappella ċkejkna Ta' Għammar" (J. CREMONA, *Il-Madonna tkellmet bl-Għawdxi!, f'Il-Ħajja f'Għawdex*, Mejju 2014, p. 40)

2: A. F. ATTARD, *Il-Viżta Appostolika ta' Monsinjur Pietru Dusina f'Għawdex fis-sena 1575,* Malta 2014, p. 63.

3: *Il Propugnatore Cattolico* [16 Apr 1887]; *Id-Devot ta' Maria*, nru. 1, Diċembru 1887, p. 4.

4: V. J. GALEA, *Santa Marija ta' Calimera Ta' Għammar jew il-Knisja tal-Madonna Ta' Pinu,* ippubblikat f'din l-istess ħarġa ta' *IL-KORPUS.* Ara pp. 10-14.

*Noti: i)* Fil-verità Gentile huwa wkoll kunjom eżistenti f'Għawdex fis-seklu sittax (ara pereżempju: H. VELLA, *The Earliest Church Register in Gozo 1554-1628,* Malta 2010, p. 31) imma fil-każ tagħna, *ta' Ġentili,* huwa b'riferenza għal isem il-persuna u mhux il-kunjom.

*ii)* L-Ispiżjar, il-Kav. Joseph Borg, Malti ta' nisel Għawdxi, minn *tal-Ħaruf,* mir-Rabat, mingħajr ma jagħti l-ebda riferenza, jgħidilna li l-knisja *ta' Ġentile,* inbniet minn nobbli Ġentile Azzopardi (J. BORG, *Il-Madonna Ta' Pinu u l-post tal-Bażilika Santwarju tagħha, f'Madonna Ta' Pinu,* Lul-Set 1984, p. 80). Huwa mifhum li billi l-isem Ġentile huwa rari daqs dubbiena bajda, mal-ewwel isem Ġentile li Dr J. Borg iltaqa' miegħu, bl-aktar mod ġenwin, ħada benfatt, li allura dak

kien il-padrun tal-knisja *ta' Ġentili* ta' Għawdex, u qabad u ċamah. Assolutament ma għandux x'jaqsam ma' Ta' Pinu. Wisq probabbli li dan l-isem, il-ħabib tagħna l-Ispiżjar Borg, skoprieh fi *Bliet u Rħula Maltin*, ta' A. Guillaumier, Malta 1972, p. 465.

5: Din iż-żjara partikolari kienet l-ewwel viżta pastorali fis-sens strett tal-kelma u l-ewwel waħda fi żmien il-Kavallieri (J. Bezzina, *L-Istorja tal-Knisja f'Malta*, Kullana Kulturali PIN nru 42, Malta 2002, p. 111).

*Nota:* Ġ. Farrugia, *f'La Beata Vergine "Ta Pinu" in Gozo*, Malta 1891, p. 2, bħala s-sena ta' din il-Viżta jagħti l-1554 meta fil-fatt saret fl-1545.

6: F'*La Beata Vergine "Ta Pinu" in Gozo*, f'p. 3, Mons. Giuseppe Farrugia jagħtina l-Arblu tar-razza ta' Pinu Gauci (l-informazzjoni fil-parentesi kwadrati hija żieda tal-awtur):

**[Salvu Gauci** ma' .... .... ....]

**Pinu Gauci** ma' Clara Bongibino* [iżżewġu l-Matriċi fit-08 Ott 1611]

**Catherina Gauci** ma' Gio Filippo Muscat *(iżżewġu fl-~~1623~~)* [San Ġorġ: 08 Aww 1626]

**Gio Domenico Muscat** ma' Eugenia Tonna Pontremoli *(iżżewġu fl-1648)*

**Elena Muscat** ma' Giovanni Gourgion *(iżżewġu fl-1672)*

**Anna Antonia Gourgion** ma' Gio Pio de Piro *(iżżewġu fit-08 Nov 1693)*

* Dan il-kunjom daqqa nsibuh jibda bil-'B' u oħra bl-'M'. Fil-*Guliana Masini* ssibu elenkat kemm taħt dawk il-kunjomijiet li jibdew bil-'B' u kemm taħt dawk li jibdew bl-'M'. Kien qisu x-Xicluna jew ix-Xerri tal-lum: min jiktibhom bix-'X' u min bl-'Sc'. Ara pereżempju NAG, GM, 01/34 [Morti nel Gozo dal 1592-1679].

7: J. Bezzina, *Ġrajjiet Ta' Pinu rrakkontati minn min dammha*, f'*Il-Ħajja f'Għawdex*, Frar 1983, p. 12. Ġunju - Lulju 1983, p. 24.

*Nota:* Dawn il-ġrajjiet miktuba bi stil oriġinali kienu pprżentati fi tmien partijiet ippubblikati fil-ħarġiet ta' bejn Frar u Novembru 1983.

8: Dan il-kunċett isemmih il-kittieb Għawdxi, Ġanni Bezzina (*taċ-Ċagħki*: 1932-1998). Studjużi oħra bħal Annibale Preca, Ġino Muscat Azzopardi, u Mario Cassar, *in totum* jew *in parte* jaqblu miegħu waqt li etimoloġi oħra bħal Ġużè Aquilina, din it-teżi lanqas biss jikkonsidrawha.

9: J. Bezzina, *The Primus Liber of the Matrice: the oldest surviving register in Gozo*, f'*Emmaus* 14 (2013-2014), p. 12.

10: Klara, mart Pinu, xtrat l-ewwel tarbija tagħha fl-1613; allura li kieku twieldet qabel l-1554, jiġi li xtrat l-ewwel tarbija meta kellha minn tal-inqas 60 sena; żmien meta s-sistema riproduttiva tal-mara, ikun ilha li waqfet tiffunzjona!

11: L. Vella, *Il-Bażilika Ta' Pinu*, f'*Leħen is-Sewwa* [18 Nov 1942] 3.

*Nota 1:* Bejn l-1676 u l-1678, l-imxieħa tal-pesta f'Malta, minn popolazzjoni ta' 60,000 ruħ, ħalliet 13,300 vittma. Baqgħu ħielsa biss l-Imdina u Għawdex. Waqt dan iż-żmien partikolari, f'Għawdex kien hawn iservi t-Tabib Giuseppe Gauci JUD ta' Ħaż Żebbuġ, Malta, qarib ta' Pinu Gauci (*https://maltagenealogy.com/gauci*). Il-fatt li dan il-qarib kien Żebbuġi, mhux għaġeb jekk Pinu Gauci kien tabilħaqq Żebbuġi huwa wkoll!

Intant, it-Tabib Giuseppe Gauci, bin Pietru u Natalizia Barbara, twieled Ħaż Żebbuġ fl-1650. Il-Granmastru Gregorio Garaffa (1680-1690) ħatru bħala Tabib (*physician*) residenti Għawdex. Nhar il-25 ta' Settembru 1689 ingħaqad fis-Sagrament taż-Żwieġ mas-Sinjorina Anna Marì Apap [Camilleri], bint membru għani tal-borgeżija Għawdxija. Iż-żwieġ kien iċċelebrat fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex. Bid-dar, il-koppja Gauci kienu joqogħdu f'dik li llum hija Triq il-Librerija, ir-Rabat. Fl-1684, fl-1694 u fl-1706 serva bħala Ġurat fl-Università ta' Għawdex. Miet fl-1 ta' Awwissu 1728 u ndifen Santu Wistin (NAG, GM, 01/20; Ġ. Farrugia, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, Vol. II, Malta 1953, pp. 162-163; Ġ. Mercieca, Maltese Personalities: Dottor Giuseppe Gauci, f'*HERITAGE – An encyclopedia of Maltese culture and civilization*, no. 86, p. 1714).

*Nota 2:* Interessanti nirrimarkaw li fl-1595, Tumas Gauci, ħu Pinu, ukoll serva bħala wieħed mit-tliet Ġurat tal-Università ta' Għawdex (J. Galea, ed. by R. M. Cassar, *Malta's Timeline – A Handbook of Maltese Chronology*, Malta 1990, p. 142). Tumas Gauci kien Nutar li bejn l-1557 u l-1616 serva f'Citta Notabile, l-Imdina, u Għawdex (A. Attard, *Index of Notaries: 1465-1894*, Malta 1979, pp. 7 u 22). Għal fini ta' artklu 4 tal-Kap. 55 tal-Att dwar il-professjoni Nutarili li tkun ippubblikata annwalment fil-Gazzetta tal-Gvern, isem in-Nutar Gauci huwa elenkat man-Nutara Maltin.

12: NAG, GM, 01/16 (ara taħt M[ongibino]); 01/20; A[rkivju] K[atidral] Għ[awdex], Żwiġijiet [1603-1711] p. 38.

13: Dun Anġlu Modlun kien il-Provigarju għal Għawdex, waqt li fl-1614 inħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri tar-Rabat. Il-Provigarju huwa qassis maħtur mill-Isqof biex imexxi minfloku parti mit-territorju ta' Djoċesi. Qabel Għawdex sar Djoċesi għalih fl-1864, l-Isqof ta' Malta kien ikun rappreżentat f'Għawdex minn Provigarju. Il-fatt li l-Provigarju Dun Anġlu Modlun kellu pjaċir jagħmilha ta' parrinu fiż-żwieġ tal-koppja Gauci, jindika l-istima li huma kienu jgawdu fis-soċjetà. Mid-dehra bejn Dun Anġlu Modlun u l-koppja Gauci kienet tirrenja ħbiberija ankì fuq bażi personali. Infatti qabel l-1614, għax Dun Anġ kien iservi l-Matriċi, tal-Gauci kienu jinqdew minn hemm fuq, u wara, meta hu sar Kappillan San Ġorġ, bdew jinqdew minn San Ġorġ huma wkoll.

Mons. Vincent Borg, fil-*Melita Sacra II – The Maltese Diocese during the Sixteenth Century*, Malta 2009, pp. 351, jgħidilna li l-Kappillan ta' San Ġorġ, Dun Anġlu Modlun, miet fl-1637 u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija ta' fuq l-għolja Ta' Dbieġi. Agius de Soldanis jgħidilna li f'istess knisja hemm midfun ukoll Dun Anġlu Grima, saċerdot Għawdxi li miet kmieni fl-ewwel deċennji tas-sittax-il seklu. Dawn iż-żewġ Dun Anġlijiet riedu jindifnu hemm għad-devozzjoni li kellhom lejn din il-knisja (Ġ. Farrugia, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, Vol. II, Malta 1953, p. 72).

14: NAG, GM, 01/04.

15: NAG, GM, 01/30 [Defunti San Giorgio].

16: NAG, GM, 01/20.

17: Ta' min ikun jaf li biex iwettaq il-Viżti Pastorali f'Għawdex, l-Isqof Cagliares kien jinqeda bil-Vigarju Ġenerali tiegħu, il-Kan. Pietru Franġisku Pontremoli (A. Bonnici, *History of the Church in Malta*, Vol. II, Malta 1968, p. 23).

18: Meta fl-1575 Mons. Pietru Dusina pprofana l-kappella *ta' Gentili*, ordna li l-obbligu tagħha jittieħed fil-knisja parrokkjali, allura l-Matriċi tal-Assunta tal-Kastell, u li fiha, f'artal li għandu jkun assenjat mir-rettur, jara li titpinġa x-xbieha ta' San Marija Assunta, u li jitwettaq il-piż imsemmi. Dun Salv Camilleri, fl-Istorja tal-Għarb, jgħid li fil-Knisja Parrokkjali tal-Għarb jinsab kwadru tal-Assunzjoni tal-Madonna fis-Sema li jingħad li kien l-ewwel kwadru titulari tal-Kappella Ta' Pinu, illum ukoll Bażilika!

19: Hawnhekk l-awtur irid ifisser il-fehma popolari li l-Madonna telgħet is-Sema bir-ruħ u bil-ġisem; xi ħaġa li kienet issiġillata bil-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni mill-Papa Piju XII, nhar l-1 ta' Novembru 1950.

20: *Il Propugnatore Cattolico* [16 Apr 1887]; *Fede ed Azione* [21 Apr 1887] 1.

21: Apparti din in-nota dwar il-possibiltà ta' restawr fil-passat, interessanti nkunu nafu wkoll li għall-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tal-20 ta' Ġunju 1935, il-kwadru Ta' Pinu, billi kien imkagħbar biż-żmien, kien irrestawrat mill-Kav. Vincenzo Bonello (1891-1969) tal-Belt Valletta, li skont ġurnal lokali: *"ġiebu ġdid l-inqas jintgħaraf"*.

22: Ġ. Farrugia, *op. cit*, p. 31.

23: *It-Torċa* [01 Nov 1998] 3.

24: L-istess.

25: A. Gauci, *Gozo – A historical and tourist guide to the Island*, Malta 1966, pp. 96-97.

*Nota:* Din it-tagħrifa li tagħha Mons. A. Gauci ma jagħti l-ebda riferenza, ma ltqajna mkien aktar magħha jekk mhux darba, u jidher ċar li kienet meħuda mis-sors li qed niċċitaw aħna.

26: Fost ulied l-Avukat Ġann Dumink Muscat kien hemm Fra Duminku J.U.D., Kappillan Konventwali tal-Lingwa tal-Italja, li ismu, flimkien ma' ta' tnejn oħra, intbagħat Ruma biex jintgħażel suċċessur għall-Isqof Lawrenz D'Astria (1670-1677). Ġara iżda, li mit-terna nominata kien ippreferut Mikiel Ġlormu Molina (1678-1682). Fra Dumink miet fl-1690.

27: J. Bezzina, *Ġrajjiet Ta' Pinu*, op. cit., f'*Il-Ħajja f'Għawdex*, Ġunju - Lulju 1983, p. 24.

28: Ir-raġuni ma trid forza. Nieħdu pereżempju l-Knisja ta' Santa Ċeċilja ta' fejn it-Torri tax-Xewkija. L-ewwel ħjiel tagħha jeħodna lura għall-1615. Fl-1630 kienet irrestawrata u damet isservi sal-1644; imbagħad kienet abbandunata. Wara dakinhar ġieli serviet ta' maħżen

għall-għodda tal-biedja u anki maqjel fejn irabbu u jsemmnu l-majjali. Infatti s-Sur Joseph J. Vella, il-*Headmaster* tal-Iskola tax-Xewkija, f'*The Gozo Primary Schools Magazine*, nru 07 (Mejju 1978), p. 41, jgħid li: "Iġġiblek ħasra; hija l-agħarr waħda ġo Għawdex; iġġieblek ħniena". U safrattant, wara kważi 400 sena, u għadha wieqfa. Kien biss dan l-aħħar li ħaduha ta' *Wirt Għawdex* u qed jikkurawha.

29: Meta bejn l-aħħar tal-2016 u l-bidu tal-2017 kienu qed jagħmlu s-sodda għal ġmiel ta' paviment ġdid tal-pjazza, il-ħaddiema mhux darba u tnejn li kixfu u ħaffru fil-blat. Billi kont ħafna midħla tagħhom, kont niċċekkja u ta' kull darba nikkonfermaw it-teżi tagħna li l-problema li kellha l-kappella oriġinali, kienet appuntu l-fraġilità tal-blata li minnu kienet iffurmata l-ħotba li fuqha kienet mibnija. Huwa tip ta' blat li dment li jinżamm umdu huwa f'saħħtu biżżejjed biex tista' tibni fuqu, imma jekk jitħalla mikxuf għall-elementi jiddeterjora b'mod mgħaġġel. Biex kulħadd jista' jieħu idea ta' x'tip ta' blat kien, nistgħu nirreferu għal pereżempju dak il-blat ta' Għar Qawqla; is-sies ta' fejn it-Torri tal-Qbajjar; il-Qolla l-Bajda tax-Xwejni, u s-sies tal-Wied tas-Salvereġina ta' ħdejn l-Impjant tat-Tarmak fit-Telgħa taż-Żebbiegħ.

30: Ġ. Farrugia, *op. cit.* pp. 7-8.

Fl-oriġinal jingħad: *"ed il tempo e l'intemperie delle stagioni non furono lenti nella loro opera di distruzione"*.

31: Il-Markiż Francesco Saverio kien bin Ġużeppi de Piro Gourgion [Gourgion kien kunjom miżjud wara li sar it-tielet Markiż ta' Castilla, b'tifkira tal-bis-bis nannu Ġanni Gourgion] u Gejtana Borg Madiona li żżewġu nhar is-27 ta' Lulju 1810.

Wara l-mewt ta' Ġużeppi de Piro Gourgion li ssuċċediet fl-1852, segwieh fil-Markiżat ibnu l-għażeb Adrijanu de Piro Gourgion (1817-1866), waqt li lil Adrijanu segwieh ħuh Francesco Saverio de Piro li min-naħa tiegħu żvesta ruħu mill-kunjom Gourgion.

32: M'Anġlu Formosa kien ħu Wiġi, is-sagristan, jew kif isejjaħlu Mons. Farrugia: *custode del santuario*, li ħabta ta' Mejju 1887, ċirka l-ħdax ta' bil-lejl, mit-tieqa tad-dar residenzjali tiegħu ta' Wara ta' Għammar ra ħiereġ mill-Knisja Ta' Pinu dawl kbir. Wiġi beża' li kien xi nar, imma meta mar jara jsib li d-dawl kien sparixxa u xejn aktar (Ġ. Farrugia, *op. cit.*, p. 17).

33: **Tumas Cassar**, bin Mikiel u Margerita Agius, twieled fl-1771. Kien ġuvni jgħix ma' oħtu Marija fil-kuntrada tal-Fgura. Fl-1834, l-Arċ. tal-Għarb, Dun Publju Refalo (1807-1844) ħatru prokuratur tal-Kappella Ta' Pinu. Fit-18 ta' Settembru 1798, flimkien ma' Feliċ Grech kienu nominat Kmandanti tal-Għarb fl-okkażjoni tar-rivoluzzjoni tal-Għawdxin kontra l-invażuri Franċiżi. Tumas miet nhar id-9 ta' Jannar 1847 fl-għomor ta' 76 sena. B'rikonoxximent, fl-Għarb hemm triq imsemmija għalih. Għal aktar informazzjoni ara: T. Calleja, *Minn Ta' Ġurdan sa Ta' Ġurdan jew l-istorja ta' Karmni Grima*, f'*il-Korpus* 23 (2002) 66-89.

34: Ta' Pinu għandha dawn l-irjieħ: Faċċata – Xlokk il-Lvant; ġenb tal-kampnar – Nofsinhar il-Lbiċ; in-naħa ta' wara – Punent Majjistru; u n-naħa ta' Sdieri – Grieg it-Tramuntana.

***Nota:*** L-irjieħ mogħtija minn Mons. Ġ. Farrugia f'paġni 8 u 9, jiġifieri *fianco settentrionale* u *sacrestia a Levante*, ma jreġux. Għalhekk, għall-iskop ta' din il-kitba, ir-riferenza għall-irjieħ huma skont dawk realistiċi tal-knisja kif dejjem kienu u kif allura għadhom illum.

35: **Dun Ġużepp Cassar**, bin Wenzu u Loreta, imlaqqam bħala *tal-Murella* jew *ta' Lawrenz*, twieled l-Għarb fl-1803 u kien ordnat Saċerdot mill-Isqof Francesco Saverio Caruana fil-Katidral tal-Imdina, nhar is-17 ta' Marzu 1832. Dakinhar kienu ordnati erbatax-il saċerdot, li Alla jbierek, sitta minnhom kienu Għawdxin (AKM, *Liber Ordinatinis*, CEM – R. 015, *f.* $20^{r}$). Għall-Kolleġġjata tal-Għarb akkwista l-Korp Sant ta' San Klement. Miet fl-1866.

36: *Id-Devot ta' Maria*, Jannar 1892, p. 16.

37: Tagħrif minn Mons. Ġużeppi Zammit tal-Għasri.

38: Arkivju Parrokkjali Għarb, *Liber Mortuorum* Vol. IV, p. 136. Għal aktar informazzjoni dwar Dun Ġużepp Cassar, ara: *il-Korpus* 23 [2002] p. 75+.

39: A. M. Hili, *Il-Ħmistax-il Erbgħa tal-Madonna Ta' Pinu*, Malta 1897, p. 192.

40: Fit-12 ta' Lulju 1887, Sir Walter Hely-Huthcinson, is-Segretarju Ewlieni tal-Gvern f'Malta, bagħat jistaqsi lis-Sur Pawlu Trapani, l-Ass. Segretarju tal-Gvern għal Għawdex, biex jirrapportalu dwar it-Triq Ta' Pinu, għax l-Abitanti ta' Għawdex talbuh biex jagħmel xi tiswijiet fiha. Qallu: *"The Road of which the applicants demand the repair is situate in the limits of Garb* [Għarb], *and leads to the Chapel 'ta Pinu',* ***which is, at present, very much frequented****"*. NAG, SG, 02/02, [1886-1888] p. 152.

41: Ġ. Farrugia, *op. cit.* pp. 13-14; N. Ġ. Cauchi, *Is-Santwarju "Ta' Pinu" Ċentru ta' Pellegrinaġġi*, Malta 1983, pp. 32-33.

42: A. Vella, *Iż-Żebbuġ u l-ġrajja tiegħu*, Legion Press –Għawdex 1963, p. 77.

43: P. Mizzi, *Il-Parroċċa t'Għawdex – Studju Soċjo-kulturali ta' Epoka*, Malta 1997, p. 432.

44: Wara l-fejqan ta' Ċensa Portelli u ta' oħrajn tal-istess portata, popolarment meqjusa bħala mirakulużi, l-Awtoritajiet tal-Knisja Maltija xorta baqgħu siekta. Imma dan il-Brevi tal-Papa, li naturalment ingħata wara konsultazzjoni mal-Knisja lokali, huwa biex ngħidu hekk l-ewwel approvazzjoni tal-ġrajjiet tal-lokuzzjoni jew Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu.

45: L-artal huwa xogħol il-marmista Antonio Galea ta' Birkirkara. Ara: M. Gauci, *2000 Sena minn Twelidek – San Pawl*, Malta 2009, p. 55.

Run with Scissors

Joelene Spiteri
Hair Stylist

Triq Dun Frangisk Mizzi
Għajnsielem, Gozo

Mob: 99893634

